



Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2017/2181(DEC)

20.2.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta
SESAR għas-sena finanzjarja 2016
(2017/2181(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Isabella De Monte

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-fatti li rriżultaw lill-Qorti tal-Awdituri fejn sabet li l-kontijiet tal-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) ("l-Impriża") għas-sena finanzjarja 2016 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha; jenfasizza r-rilevanza tal-punti magħmula fir-Rapport Speċjali Nru 18/2017 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Ajru Uniku Ewropew;
2. Jinnota li l-2016 kienet sena ta' tranżizzjoni għall-Impriża bit-tlestija u l-għeluq tal-fażi SESAR 1 u t-tisħiħ tal-fażi SESAR 2020, u li l-Impriża ppreżentat il-baġit tagħha f'żewġ taqsimiet separati: (1) SESAR 1 u (2) SESAR 2020; jinnota wkoll li SESAR 1 kienet ikkofinanzjata mit-TEN-T u l-programmi tas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka (PK7), u SESAR 2020 hija kkofinanzjata minn Orizzont 2020, u li l-oqfsa regolatorji differenti għal dawn it-taqsimiet tal-baġit ippreżentaw sfida amministrattiva sinifikanti għall-Impriża u l-membri tagħha; jenfasizza li, għal raġunijiet ta' stabbiltà, dawn il-problemi ma għandhomx jerġgħu jseħħu fil-futur;
3. Jinnota li l-baġit finali tal-Impriża għas-sena 2016 mill-PK7 u Orizzont 2020 kien ta' EUR 101,4 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' EUR 162,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament, u li r-rati ta' implimentazzjoni kienu ta' 95,7 % u 63,2 % rispettivament; jinnota li r-rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-approprijazzjonijiet ta' pagament hija prinċipalment minħabba dewmien fl-implimentazzjoni tal-istudji u l-iżviluppi mwettqa mill-membri tal-Impriża; jinnota li, fi tmiem l-2016, għal SESAR 1 il-kontribuzzjoni kumulattiva fi flus kontanti mill-Unjoni kienet ta' EUR 597,1 miljun meta mqabbla ma' total ta' EUR 476,9 miljun f'kontribuzzjonijiet in natura mill-Eurocontrol u EUR 566,5 miljun mill-membri tas-settur tat-traffiku tal-ajru, filwaqt li, għal SESAR 2020, il-kontribuzzjoni kumulattiva fi flus kontanti mill-Unjoni kienet ta' EUR 56,8 miljun, u l-ebda kontribuzzjoni in natura jew fi flus kontanti ma kienet ġiet invalidata minn membri oħra għaliex il-proġetti kienu fl-istadji bikrijin tagħhom;
4. Jinnota li l-Impriża ffaċċjat diffikultajiet fl-adattament tal-għodod tal-IT ta' Orizzont 2020 għall-ħtiġijiet partikolari tagħha, u dan irriżulta f'dewmien fl-implimentazzjoni tal-pagamenti għall-istudji u l-iżviluppi tal-membri; jiddeplora l-fatt li EUR 14,5-il miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament – relatat ma' talbiet ta' SESAR 2020 għal proposti u attivitajiet li inizjalment kienu bbaġitjati fl-2016 – kellhom jiġu kkanċellati permezz ta' baġit emendat għall-2016 minħabba fatturi esterni lil hinn mill-kontroll tal-Impriża; huwa mħasseb dwar it-tendenza dejjem tikber ta' impenji pendenti (RAL), li żdiedu minn EUR 72,1 miljun għal EUR 83,8 miljun matul l-2016, u jitlob li din ix-xejra tinqaleb wara t-tranżizzjoni għal SESAR 2020;
5. Huwa sodisfatt li l-proġetti SESAR 1 ingħalqu mil-lat operattiv fi tmiem l-2016 u li 61 soluzzjoni li huma lesti għall-industrijalizzazzjoni u l-mobilizzazzjoni, li jinsabu fl-ewwel edizzjoni tal-Katalogu ta' Soluzzjonijiet ta' SESAR, twasslu lill-komunità tal-avjazzjoni; jinnota li 54 soluzzjoni mibdija f'SESAR 1 se jkomplu jiġu żviluppatti aktar

fil-programm SESAR 2020, li jikkostitwixxi eżempju tal-isforzi biex tiġi żgurata tranżizzjoni effettiva bejn iż-żewġ programmi;

6. Jistieden lil SESAR u lill-Kummissjoni jevalwaw ir-riżultati tal-mobilizzazzjoni tas-soluzzjoni SESAR, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżguraw tal-interoperabilità u mal-passi l-quddiem fit-tlestija tal-Ajru Uniku Ewropew; waqt li jqis li l-fażi ta' mobilizzazzjoni diġà hija għaddejja, jistieden lil SESAR tibda bl-iżvilupp tal-Proġett Pilota rigward arkitettura ġdida tal-ispazju tal-ajru Ewropew li se jikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-effikaċja finanzjarja tal-mobilizzazzjoni;
7. Jilqa' l-iffirmar tal-ftehim imġedded tal-Impriża Konġunta Eurocontrol/SESAR fl-2016, li jiddefinixxi r-rwol il-ġdid tal-Eurocontrol bħala kofundatur ta' SESAR u li jinkludi sensiela ta' impenji u attivitajiet rigward l-implimentazzjoni ta' SESAR 2020; jilqa' wkoll iż-żieda fin-numru ta' membri għal 19-il membru, li jirrappreżenta l-fuq minn 100 kumpanija mifruxin mas-settur kollu, li se jipparteċipaw fl-attivitajiet tar-riċerka industrijali, il-validazzjoni u d-dimostrazzjoni ta' SESAR 2020; jinnota l-adozzjoni tal-ewwel edizzjoni tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-Impriża għall-perjodu 2017-2019;
8. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li fil-proċedura tagħha għas-servizzi ta' akkwist, l-Impriża tistabbixxi baġit kuntrattwali massimu, li ma jidherx li hu bbażat fuq proċess ta' stima tal-kostijiet u fuq sistema raġonevoli ta' referenza tal-prezz tas-suq; jitlob lill-Impriża tistabbilixxi proċessi ta' stima tal-kostijiet xierqa qabel ma tagħti bidu għal proċeduri ta' akkwist, abbażi ta' sistema raġonevoli ta' referenza, sabiex tiżgura l-effikaċja tal-kuntratti ta' servizz pluriennali tagħha meta mqabbel mal-kostijiet;
9. Jistieden lill-Impriża tistabbilixxi proċedura sistematika interna għall-valutazzjoni mill-ġdid ta' konstatazzjoni ta' vijabilità finanzjarja dgħajfa fir-rigward ta' koordinatur ta' proġett ta' għotjiet, inklużi miżuri biex itaffu r-riskju finanzjarju akbar u jikkumpensaw għalih; jinnota n-nuqqas ta' gwida speċifika għall-membri u għall-awdituri esterni tagħhom fir-rigward tad-dikjarazzjoni u taċ-ċertifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet in natura li saru mill-membri għal proġetti SESAR 2020, u jistieden lill-Impriża tiżviluppa Termini ta' Referenza u ċertifikat mudell qabel ma tirċievi kwalunkwe kontribuzzjoni in natura fl-2018;
10. Jilqa' l-pubblikazzjoni ta' "SESAR European Drones Outlook Study" f'Novembru 2016; iqis li hemm bżonn ta' varjetà ta' innovazzjonijiet, inklużi teknoloġiji relatati mal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru, biex id-droni jiġu integrati b'mod sikur fl-ispazju tal-ajru Ewropew; jinnota b'interess il-ħarsa ġenerali tagħha tal-iżvilupp tas-suq Ewropew tad-droni sal-2050 u l-potenzjal enormi għall-Ewropa u l-kompetittività globali tagħha, kif ukoll l-azzjonijiet li jeħtieġ li jittieħdu fil-ħames sa għaxar snin li ġejjin biex jiġi liberat dak il-potenzjal, inkluż l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp miksub billi tiġi stabbilita, fil-livell tal-Unjoni, ekosistema li tkopri kemm qafas regolatorju kif ukoll it-teknoloġija, u li tgħaqqad flimkien il-partijiet interessati pubbliċi u privati ewlenin, u li tirriżulta fil-forniment ta' livelli oġhla ta' finanzjament tal-Unjoni, prinċipalment bl-għan li tingħata spinta lill-SMEs fis-settur;
11. Jilqa' l-fatt li l-Impriża kompliet tapplika approċċ multidimensjonali bl-iskop li tirrieżamina, timmaniġġja u ttaffi r-riskji b'mod effettiv, u jstenna li l-impriża tagħti attenzjoni partikolari lir-riskji korporattivi kritiċi li tkun identifikat rigward il-Pjan

Regolatorju tal-ATM u SESAR 2020; jilqa' l-fatt li l-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta adotta l-Istrateġija Kontra l-Frodi fit-18 ta' Marzu 2016;

12. Jinnota li fir-rigward ta' SESAR 1 ġew ippjanati 21 eżerċizzju ta' awditjar f'ħames Membri magħżula, li minnhom 14 tlestew fl-2016 bħala parti mit-tielet ċiklu ta' awditjar fil-15-il Membru kollha kif deskritt fl-Istrateġija tal-Awditjar Ex Post tal-Impriża; jinsab imħasseb dwar ir-rata ta' żball residwu ta' 6,21 % għas-sena 2016; madankollu, huwa sodisfatt li r-rata ta' żbalji residwi kumulattiva ta' SESAR 1 hija ta' 1,34 %;
13. Jinnota r-riżultati tal-eżerċizzju tal-2016 ta' valutazzjoni komparattiva fil-qasam tar-Riżorsi Umani: 62 % postijiet operattivi, 30 % postijiet amministrattivi u 8 % postijiet newtrali;
14. Jinnota li l-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru Ewropew għadha frammentata filwaqt li l-Ajru Uniku Ewropew bħala kunċett għadu ma ntlaħaqx; itenni r-rwol kruċjali tal-Impriża fil-koordinament u l-implimentazzjoni tar-riċerka fil-proġett SESAR, li huwa proġett pilastru tal-Ajru Uniku Ewropew, għalkemm l-iskadenza biex l-oġettivi tal-proġett SESAR jintlaħqu ġiet posposta mid-data oriġinali tal-2020 għall-2035;
15. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-importanza li tiġi solvuta l-problema tal-frammentazzjoni tal-ajru Ewropew, peress li attwalment is-Suq Uniku Ewropew mhux qed jisfrutta bis-sħiħ il-vantaġġi offruti mill-Ajru Uniku Ewropew;
16. Jipproponi li l-Parlament jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2016.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	20.2.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Daniela Aiuto, Lucy Anderson, Marie-Christine Arnautu, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Deirdre Clune, Michael Cramer, Luis de Grandes Pascual, Andor Deli, Isabella De Monte, Ismail Ertug, Jacqueline Foster, Dieter-Lebrecht Koch, Miltiadis Kyrkos, Bogusław Liberadzki, Marian-Jean Marinescu, Renaud Muselier, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Gabriele Preuß, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, Claudia Schmidt, Jill Seymour, Keith Taylor, Pavel Telička, István Ujhelyi, Wim van de Camp, Marie-Pierre Vieu, Janusz Zemke, Roberts Zīle, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Jakop Dalunde, Michael Detjen, Markus Ferber, Maria Grapini, Rolandas Paksas, Jozo Radoš, Evžen Tošenovský, Henna Virkkunen
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Olle Ludvigsson

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT MITLUB JAGĦTI OPINJONI**

40	+
ALDE	Izaskun Bilbao Barandica, Jozo Radoš, Dominique Riquet, Pavel Telička
ECR	Jacqueline Foster, Tomasz Piotr Poręba, Evžen Tošenovský Roberts Zile
EFDD	Daniela Aiuto, Rolandas Paksas
GUE/NGL	Marie-Pierre Vieu
PPE	Georges Bach, Deirdre Clune, Andor Deli, Markus Ferber, Dieter-Lebrecht Koch, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Renaud Muselier, Markus Pieper, Massimiliano Salini, Claudia Schmidt, Henna Virkkunen, Luis de Grandes Pascual, Wim van de Camp
S&D	Lucy Anderson, Isabella De Monte, Michael Detjen, Ismail Ertug, Maria Grapini, Miltiadis Kyrkos, Bogusław Liberadzki, Olle Ludvigsson, Gabriele Preuß, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, István Ujhelyi, Janusz Zemke
Verts/ALE	Michael Cramer, Jakop Dalunde, Keith Taylor

2	-
EFDD	Jill Seymour
ENF	Marie-Christine Arnautu

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni